MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 696/2003

**Antonio Mirabella ghan-nom ta' MI.AR.SRL**

**vs**

**Giuseppe Caramagna ghan-nom u rapprezentanza ta' Techno Italia Ltd.**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni mressqa minn Antonio Mirabella ghan-nom ta' MI.AR.SRL li permezz taghha wara li gie premess illi:

Is-socjetà konvenuta tinsab debitrici fil-konfront tas-socjetà attrici fis-somma ta' li bil-flus taljani antiki (Lit.80,950,355) tmenin miljun disa' mija u hamsin elf tlett mija hamsa u hamsin liri taljani, li konvertiti fl-EURO jigu €421807,37 li flus konvertiti maltin fir-rata prezenti jammontaw ghal circa Lm17,943 flus Maltin u dan ghall-affarijiet industrijali u dan kif ser jirrizulta mid-dokumenti li ghandhom jigu prezentati.

L-ammont ghadu dovut nonostante illi l-konvenut nomine gie interpellat sabiex ihallas is-somma mitluba.

L-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Organizzazjoni u tal-Procedura Civili.

Intalbet din il-Qorti biex:

a) Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Organizzazjoni u tal-Procedura Civili.

b) Tikkundanna l-istess socjetà konvenuta thallas l-ammont ta' Lit.80,950,355 (tmenin miljun disa' mija u hamsin elf tlett mija hamsa u hamsin liri taljani) bhala ex munita tal-Italja li kif jigu konvertiti flus Maltin jammontaw ghal circa Lm17,943.00 (sbatax-il elf disa' mija tlieta u erbghin Liri Maltin) jew somma verjuri skond il-kaz.

Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data li kellhom isiru l-hlasijiet kif ukoll imghax kummercjali inkluz ta' ittra bonaria tat-18 ta' Jannar 2003, kontra s-socjetà konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjetà Techno Italia Limited li in forza taghha gie eccepit illi:

Preliminarjament is-socjetà attrici trid tiggustifika t-talba taghha fic-citazzjoni odjerna.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ma tezisti ebda relazzjoni ta' bejgh bejn il-kontendenti u ghaldaqstant s-socjetà konvenuta mhiex debitrici tas-socjetà attrici, u dan kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Il-merkanzija li ntbaghtet mis-socjetà attrici lis-socjetà konvenuta giet depositata ghand Techno Italia Ltd u skond ftehim li ntlahaq bejn il-kontendenti, is-socjetà konvenuta kellha thallas lis-socjetà attrici biss meta u jekk tinbiegh il-merkanzija stanti li r-relazzjoni bejniethom kienet wahda ta' bejgh fuq bazi ta' konsennja.

Is-socjetà attrici thallset ghal dik il-merkanzija li giet konsenjata u mibjugha u dan skond kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ghalhekk it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stanti li s-socjetà attrici messha talbet lis-socjetà konvenuta sabiex trodd lura l-merkanzija li ma nbieghetx u mhux il-hlas taghha, liema talba qatt ma saret.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun hekk bzonn.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistenti Gudizzjarji.

Rat id-dokumenti.

Rat li minkejja li l-Qorti awtorizzat il-prezentata ta' sottomissjonijiet bil-miktub, baqghet ma giet prezentata ebda nota.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza is-socjetà rikorrenti qed titlob kundanna ghall-hlas ta' Lm17,943 prezz ta' merkanzija industrijali mibjugha lis-socjetà kovenuta.  Din tal-ahhar issostni illi l-merkanzija ma kienitx mibjugha izda l-ftehim kien li tigi mhallsa meta effettivament tinbiegh.

Jirrizulta illi r-rapprezentanti taz-zewg socjetajiet kienu ilhom xi ghaxar snin midhla ta' xulxin.  Meta t-tnejn li huma gew

licenzjati mis-socjetà li kienu jahdmu maghha, Antonino Mirabella fforma socjetà fl-Italja flimkien ma' certu Silvio Arra u hajjar lil Giuseppe Caramagna jifforma socjetà ohra f'Malta bil-ghan li jsir negozju bejn iz-zewg socjetajiet. Sar hekk f'dak iz-zmien Antonio Mirabella ma setax jifforma socjetà f'Malta huwa stess. Dan in-negozju kellu jimporta l-bejgh ta' merkanzija mibghuta f'Malta minn Techno Italia Ltd mill-Italja minn MI.AR.

Jirrizulta wkoll illi Antonio Mirabella kien jiltaqa' ma klijenti f'Malta, jiehu ordnijiet, u jipprepara l-invoices fuq computer tal-istess Techno Italia. Giuseppe Caramagna kien jigbor il-hlasijiet meta jikkonsenja l-merkanzija. Kien Antonino Mirabella li dejjem ha hsieb il-finanzi tas-socjetà Techno Italia. Il-Qorti hija konvinta mis-sehem attiv ta' Antonino Mirabella fis-socjetà Techno italia, partikolarment in vista tal-korrispondenza kollha (esibita in atti a fol. 122) indirizzata lil Antonio Mirabella ghas-socjetà Techno Italia, kif ukoll miktuba minnu lil terzi ghan-nom tal-istess socjetà. Il-Qorti ma ssibx verosimili l-ispjegazzjoni tal-attur li dan kien isehh minhabba problemi ta' lingwa, u dan peress illi uhud mill-ittri miktuba bil-lingwa Taljana, li l-konvenut bhala Taljan zgur ma kellux problemi biha. Il-Qorti ghalhekk hija konvinta illi s-socjetà konvenuta kienet effettivament il-"lungamano" gewwa Malta tal-attur.

Inoltre, l-atturipprezenta in atti diversi dokumenti originali tal-kumpanija konvenuta (ara per ezempju fol. 29 et seq.). Dan iwassal lill-Qorti tissoda l-fehma taghha li l-attur kellu kontroll fis-socjetà konvenuta.

Stabbilit dan, il-Qorti qieset ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, tal-konvenut li l-merkanzija kellha tithallas ladarba tinbiegh hija tassew verosimili. Il-konvenut isostni li s-socjetà rikorrenti kienet tibghat dak li jidhrilha. Infatt ma giet ipprezentata ebda

forma ta' ordni jew komunikazzjoni li b'xi mod turi li l-konvenut kien talab li tintbaghat xi merkanzija.

Il-konvenut jixhed hekk:

*"We agreed to work on a consignment basis, and that I was to pay the plaintiff company for the goods that were sent to me only when I managed to actually sell them. There never existed a relationship whereby I placed and order, MIAR sent me goods, and I paid it upon receipt. It was always understood that Techno Italia Ltd pays when the merchandise is sold to third parties."*

L-attur jirreferi ghall-fatt illi l-konvenut kien ihallas huwa stess sabiex il-merkanzija tigi mid-dwana. Il-konvenut (ara xhieda a fol. 218) jispjega illi meta sar hekk, dan sar fuq talba specifika tal-istess attur.

Jixhed hekk:

*"Quando arriva la merce, io ho Franco e quando arriva la merce, deve essere sdoganato.....the witness goes on to say: Allora quando lui mi ha mandato questa merce....mi ha ditto to prego sdogana questa merce perche' lo mandata io e mi ha ditto che discutiama a Malta, tu non ti preoccupare, perche' lui sapeva che io non ho accettato questo tipo di lavoro perche' mi ha messo in difficoltà."*

Din ix-xhieda ma giet kontradetta b'ebda mod.

Issa galadarba l-arrangament bejn iz-zewg socjetajiet kien dak ta' bejgh "on consignment".

> *"Kif sewwa qalet il-Qorti tal-Kummerc (per W. Harding J.) f'sentenza tas-26 ta' April, 1951 fil-kawza fl-ismijiet "Avukat Dr George Vassallo noe v. Victor Caruana noe" "Il-kuntratt ta' spedizzjoni ta' merci 'on consignment' huwa kuntratt mhux ta' bejgh, imma pjuttost ta' kummissjoni." Dan ghaliex il-parti li tircevi l-mercja ma ssirx il-proprjetarja ta' dik merkanzija bhal ma jigri f'kaz ta' bejgh, izda ghandha biss minn natura ta' depozitarju bl-obbligu li, mal-bejgh ta' dik il-merkanzija lill-terzi persuni bil-prezz minnha konvenut ma dawk it-terzi, thallas lid-depozitant il-prezz originarjament konvenut ghal dik il-merkanzija hekk mibjugha."*

F'dan il-kuntest, ghalhekk il-Qorti fliet il-provi kollha prodotti u d-dokumenti kollha esibiti u sabet illi prova ta' valur ta' bejgh attwali u ma sabet ebda prova ta' bejgh ta' merkanzija mibjugha minn Techno Italia li kienet konsenjata lilha minn MI.AR. L-invoices kollha esibiti bhala bejgh attwali jirreferu ghal merkanzija mibghuta minn Hydromaster srl, socjetà ohra tal-istess attur formata wara l-waqfien mill-attività tas-socjetà attrici.

F'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti tqis li s-socjetà rikorrenti ma rnexxiliex tipprova l-allegazzjonijiet taghha sal-grad rikjest mill-ligi – "actore non probante reus absolvitur".

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet ta' Giuseppe Caramagna ghan-nom ta' Techno

Italia Limited, tichad it-talbiet ta' Antonio Mirabello ghan-nom ta' MI.AR.SRL.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------